MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Talba Numru. 593/2007

**Talba Nru: 593/07VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334) u b'Digriet tal-4 ta' Dicembru 2007 l-isem Maltacom p.l.c. gie mibdul ghal GO p.l.c.

Vs

Paul Abela (Id. 875552M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' mitejn, tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm262.88c) ekwivalenti ghal €612.35, in konnessjoni ma' servizzi telefonici bin-numri 21663281 gja 783281 u 316850, u minkejja illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas huwa baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din

il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn ecepixxa (i) illi l-pretensjonijiet attrici huma preskritti skond l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u (ii) illi minghajr pregudizzju l-ammont pretiz m'huwiex dovut. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-Digriet tal-4 ta' Dicembru 2007 fejn laqa t-talba ghal korrezzjoni f'isem is-socjeta' attrici fis-sens illi din inbidlet minn Maltacom p.l.c. ghal GO p.l.c.

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2008 li fiha l-konvenut irtira l-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Paul Abela.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha ezebiti.

**Ikkunsidra.**

Illi in sostenn tat-talba taghha s-socjeta' attrici pprezentat zewg applikazzjonijiet separati ghall-istallazzjoni ta' zewg linji telefonici bin-numri msemmija fl-Avviz. Jidher illi dawn iz-zewg applikazzjonijiet gew iffirmati mill-konvenut, u fil-fatt hu stess fix-xhieda tieghu jikkonferma illi fuqhom hemm il-firma tieghu.

Il-P.L. Scerri prodott mis-socjeta' attrici xehed illi dawn iz-zewg linji telefonici gew registrati f'isem il-konvenut u ghadhom hekk sa llum, u li l-ammont pendenti fuqhom ghadu kollu dovut. Hu xehed illi kienu saru xi pagamenti akkont, u dan kif anki jidher mill-istatement esebit fl-atti.

Minn-naha tieghu, fil-mori tal-kawza l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu fir-rigward tal-preskrizzjoni.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tieghu, u cioe li l-ammont mitlub m'huwiex dovut, il-konvenut naqas ghal kollox milli jgib raguni valida jew prova kwalsiasi in sostenn ta' dan.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' sitt mija u tnax il-Ewro u hamsa u tletin centezmu (€612.35), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------